MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 792/2005

**Gasan Mamo Insurance Ltd – C3143 kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat tagħha Mario Bezzina u l-istess Mario Bezzina (ID: 960849 M)
Vs
Paul Barbara**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fis-7 ta’ April, 2005 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta’ Lm 79.80 (disgħa u sebgħin lira Maltija u tmenin ċenteżmu) u dana in kwantu għas-somma ta’ Lm54.80 (erbgħa u ħamsin lira Maltija u tmenin ċenteżmu) lis-soċjeta’ assikuratriċi u in kwantu għas-somma ta’ Lm25.00 (ħamsa u għoxrin lira Maltija) lill-attur l-ieħor, Mario Bezzina, rappreżentanti danni kkaġunati f’inċident stradali fil-Marsa, nhar il-11 ta’ Diċembru, 2003.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

Il-konvenut huwa debitur ta’ l-atturi fis-somma ta’ Lm 79.80 (disgħa u sebgħin lira Maltija u tmenin ċenteżmu) u dana in kwantu għas-somma ta’ Lm54.80 (erbgħa u ħamsin lira Maltija u tmenin ċenteżmu) lis-soċjeta’ attriċi assikuratriċi u in kwantu għas-somma ta’ Lm25.00 (ħamsa u għoxrin lira Maltija) lill-attur l-ieħor, Mario Bezzna, rappreżentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru CBF 907 fil-11 ta’ Diċembru, 2003 ġewwa l-Marsa, ħabat mal-vettura numru JBF 153 propjeta’ ta’ Mario Bezzina u misjuqa minn Stephen Caruana u ikkaġunat Danni f’din l-istess vettura.

Dan l-inċident huwa għalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tiegħu kien wieħed negliġenti u traskurat.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta’ l-ittra uffiċjali datata 5 ta’ Jannar, 2005 kontra l-konvenut bl-imgħax kontra l-istess konvenut mid-data ta’ ittra uffiċjali tal-5 ta’ Jannar, 2005 li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Paul Barbara fejn ingħad li:-

Il-konvenut jiċħad ir-responsabbilita’ f’dan l-inċident stante li l-istess inċident seħħ tort tas-sewwieq tal-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni JBF 153 u sforz in-negliġenza, imperizja u traskuraġni u nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti min-naħa ta’ l-istess sewwieq.

Mingħajr preġudizzju għal dan, seta’ kien hemm negliġenza kontributorja għal dan l-inċident min-naħa tas-sewwieq tal-vettura JBF 153.

Għalhekk, il-konvenut m’għandu jħallas l-ebda dan u l-ebda spejjeż.  Ping ukoll li ma jistgħux jintalbu spejjeż li m’humiex t’atti tal-Qorti bħala spejjeż tal-kawża.

L-atturi huma msejħin in subizzjoni.

It-Tribunal għalhekk għandu jiċħad it-talba bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi, s-soluzzjoni għal din il-kolliżjoni ma temalax mill-iskizz esebita a fol. 19 tal-proċess u tar-ritratti esebiti a fol. 20 tal-proċess. Il-konvenut kien ħiereġ minn garaxx sottopost għall-post tax-xogħol tagħhom u ried jikser fuq ix-xellug. Peress illi, fuq ix-xellug tiegħu kien okkupat bil-karozzi allura kellu jisporġi bil-mod. Il-vettura attriċi kienet ġejja mid-direzzjoni li fiha ried imur l-istess konvenut.

Jiġi rilevat li l-ambjent fejn sar l-inċident m'huwiex wieħed regolamentari, la hemm indikazzjonijiet, la hemm mirja għad-dħul u ħruġ mill-istess garaxx, la jirriżultaw bankini anzi rriżulta li kien hemm munzelli ta' ħmieġ. Għalkemm jirriżulta li t-triq hija biżżejjed biex ikun hemm tliet fillieri ta' vetturi, jew waħda pparkjata, waħda biex tmur fuq il-lemin, pero' xorta waħda l-kolliżjoni ssuċċediet, jiġifieri jiġi rilevat kif jidher anke mill-iskizz u mix-xhieda taż-żewġ xufiera illi faċċata tal-garaxx minn fejn ħareġ il-konvenut kien jirriżulta munzell żibel, jirriżulta wkoll li kien hemm vetturi pparkjati aktar 'l isfel minnu. Dan ifisser illi l-karreġjata li kien għaddej minnha x-xufier bil-vettura attriċi kienet ostakolata u ngombrata b'dan il-mod billi kellu jersaq aktar lejn ix-xellug u ovvjament invaga l-karreġjata opposta u ma kien hemm l-ebda sinjali li biha jiġu ndividwalizzati l-istess karreġġjati. Dan huwa evidenti sia mill-iskizz u sia mir-ritratt esebit a fol. 20. Il-vann ta' l-attur huwa totalment misjuq fil-karreġjata li fiha ried imur il-konvenut u hawn in-nuqqas tas-sewwieq tal-vettura attriċi illi huwa kien qed isuq fil-karreġjata opposta li suppost kien qed isuq fiha u kellu jimmanuvra l-vettura tiegħu l-istess konvenut. F'ċirkostanzi simili, l-konvenut kellu jagħmel, hu ħareġ mill-garaxx u kiser lejn ix-xellug, kien hemm karozza pparkjata beda' jisporġi ruħu bil-mod u ma kien qed jinvadi bl-ebda mod u manjiera meta sporġa mill-garaxx għall-karreġjata tas-sewwieq tal-vettura attriċi.
Una volta li l-karreġjata tal-vettura attriċi ġiet ingombrata, allura kellu jagħti aktar attenzjoni għal mod tas-sewqan tiegħu billi kellu jiġbed aktar 'il barra biex ma jidħolx fl-

istess muntanja li rriżultat taż-żibel. Il-fatt li kienu qed iċekknu l-wisa’ tal-karreġjata, l-oneru fuq jikber aktar billi joqgħod attent aktar kif għandu jsuq billi l-fatt li kien hemm dawn il-munzelli u kellu jinvadi l-karreġjata opposta, b’daqshekk ma kellux inaqqas id-dover tiegħu u jitfa’ fuq il-vettura opposta li kienet qed timmanuvra fit-triq tagħha. Ancor che kien hemm tali ostakolu allura l-grad tiegħu ta’ prudenza u perizia fis-sewqan kienet akbar milli kieku ma kienx hemm dan iż-żibel.  Infatti kif jirriżulta minn dan ir-ritratt, il-vettura attriċi hija totalment fil-karreġjata tal-vettura konvenuta.

Kien inċident sfortunat billi l-munzell taż-żibel kien eżatti faċċata tal-garaxx minn fejn ried joħroġ il-konvenut u l-karozzi pparkjati ma kienu qed jiksru l-ebda regolament kriminali billi ma kien hemm l-ebda projbizzjoni ta’ parkeġġ f’dawk l-akkwati.  Fil-konfront tal-konvenut it-Tribunal ma jsib xejn li jista’ jiġi a debitata fir-responsabbilita’ jew xi kontribuzzjoni dwar l-istess responsabbilita’.

Jiddeċiedi billi filwaqt li jilqa’ l-eċċezzjoni tal-konvenut, jiċħad l-istess talbiet attriċi.  Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta’ attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------